MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili Numru. 532/2006/1

**Avviz Numru: 532/2006/VGD**

**Joseph Duca**

**vs**

**John Falzon**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fil-15 ta' Lulju 2010 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja d-decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal***

*Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qieghed jitlob minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) flimkien mal-imghaxijiet legali mill-5 ta' Ottubru 2004 sal-pagament effettiv, liema*

*ammont jirraprezenta ammonti ta' flus li l-konvenut gabar ghan-nom tal-attur minghand terzi meta kien jahdem bhala salesman mal-attur, in konnessjoni mal-bejgh ta' diversi prodotti u oggetti, liema ammont il-konvenut, interpellat sabiex ihallas, qed jirrifjuta li jrodd lura lill-attur. Bl-ispejjes kontra l-konvenut.*

*Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talba tal-attur ghandha tigi michuda stante li l-ammont mhux dovut u dan ghas-segwenti ragunijiet: 1. il-konvenut kien impjegat bhala salesman mal-attur mis-sena 1986 meta huwa kien partner ma JV Meli u kienu joperaw taht JV Meli & Company Limited. Gara li fis-sena 1996 l-partners qasmu u l-attur beda ghal rasu minn 1997; 2. li d-diskrepanza ta' Lm1,500 dehret fis-sena 1998 ghall-ewwel darba u ta' dan il-konvenut gibed l-attenzjoni tal-attur izda l-attur kien qallu inkomplu nahdmu halli tbieghli aktar xoghol ghax m'ghandix cans nilghab bil-computer u l-izball jinstab; 3. li l-istatement of accounts tal-attur li ghadda lill-konvenut mis-sena 1998 sas-sena 2003 dejjem jibdew b'bilanc ta' zero u ghalhekk dan ukoll huwa prova li qatt ma kien hemm ammont dovut lill-konvenut; 4. li l-konvenut baqa' impjegat mieghu sas-sena 2005 meta spicca redundant u kien minn dakinhar li rega' qajjem din id-diskrepanza tal-Lm1,500; 5. li ghalhekk l-ammont huwa preskritt bil-ligi; 6. li l-konvenut ghandu rendikont ta' kull bejgh li ghamel mis-sena 1997 u huwa l-attur li qed jirrifjuta li jghaddi rrendikont tieghu tas-sena 1997. Di fatti huwa ghadda lill-konvenut mis-sena 1998 ghax qed jinsisti li ma hemm ebda zball fis-sena 1997; 7. li l-konvenut isostni li l-izball jinsab fis-sena 1997 meta l-attur beda ghal rasu u mhux wara; 8. li minghajr pregudizzju ghal premess, huwa l-attur li jrid jipprova li dan l-ammont huwa dovut u jaghti rendikont ta' dan l-ammont u dettalji dwar meta u ghal xiex huwa dovut. Illi ghalhekk it-talba tal-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjes.*

*Sema' x-xhieda tal-attur Joseph Duca.*

*Sema' x-xhieda ta' Carmen Chetcuti prodotta mill-attur.*

*Ra l-affidavit tal-konvenut John Falzon.*

*Ra l-affidavit ta' Lora Falzon prodotta mill-konvenut.*

*Ra l-affidavit ta' Carmen Caruana prodotta mill-konvenut.*

*Sema' x-xhieda tal-konvenut John Falzon.*

*Ra n-nota tal-konvenut ipprezentata minnu fid-29 ta' Lulju 2008.*

*Ra n-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur.*

*Ra n-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut.*

*Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.*

*Ra l-atti kollha tal-kawza.*

***Ikkunsidra.***

*Illi fl-ewwel lok, fil-hames eccezzjoni tieghu, l-konvenut ecepixxa l-preskrizzjoni, u alavolja f'dan l-istadju ma semma l-ebda artikolu tal-ligi, permezz tan-nota tieghu tad-29 ta' Lulju 2008 huwa formalment indika li kien qieghed jecepixxi l-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, u cioe l-preskrizzjoni ta' sentejn.*

*Illi dan l-Artikolu jinqara testwalment kif gej:- 'L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.'*

*Illi min ezami kemm ta' dak li qed jintalab mill-attur fl-Avviz, u anki minn ezami tal-provi prodotti, imkien ma jidher li l-attur qieghed jaghmel talba ghall-hlas ta' hsarat jew danni, u ghalhekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-konvenut ibbazata fuq dan l-Artikolu partikolari hija ghal kollox infondata, u m'ghandhiex tigi milqugha.*

*Illi sussegwentement il-konvenut, tramite l-avukat tieghu, kien ivverbalizza waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2008, li kien qieghed jecepixxi ulterjorment il-preskrizzjoni*

*ai termini tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-Artikolu 2148 (b) jinqara kif gej:- 'L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar: (b) l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut.'*

*Illi anki hawn, it-Tribunal jidhirlu li l-fatti specie tal-kaz in ezami ma jinkwadrawx ruhhom fil-kuntest ta' dan l-Artikolu. L-attur zgur li ma kienx qieghed ibiegh direttament lill-konvenut bl-imnut, u l-konvenut mhuwiex debitur tal-attur ghaliex kien xtara merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra minghand l-attur. Effettivament il-konvenut kien qieghed ibiegh merkanzija ghan-nom tal-attur, u bhala salesman tieghu, lill-terzi persuni, u issa permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed jitlob li l-bilanc tal-flus li gabar il-konvenut minghand dawn it-terzi persuni jithallas lura lilu kif kien il-ftehim bejn il-partijiet. Illi ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148 (b) ma tapplikax ghall-kaz in ezami u ma tistax tigi milqugha.*

*Illi fil-mertu t-Tribunal josserva li l-attur xehed principalment dwar is-sistema (kemm xejn ikkumplikata u mhawda) li huwa jadopera fir-rigward ta' invoicing u gbir ta' flus mis-salesmen tieghu. Ix-xhieda tal-attur hija pjuttost generali fis-sens illi ma tirrigwardax precizament x'gara fil-kaz in ezami u ghaliex l-attur qieghed jikkontendi li ghandu jigbor l-ammont reklamat minghand il-konvenut, izda taghti biss stampa generali ta' kif kienet tahdem is-sistema.*

*Skont l-attur l-ammont pendenti li ghad irid ihallas il-konvenut jirreferi ghal dejn li kellu l-istess konvenut ghal bejgh li sar minnu fis-sena 2003, liema dejn gie skopert f'Ottubru tas-sena 2004 meta l-konvenut mar ihallas l-ahhar pagament tieghu lill-attur peress li l-impieg tieghu kien gie terminat.*

*Illi x-xhud Carmen Chetcuti prodotta mill-attur spjegat li hija kienet impjegata tal-attur u kienet tahdem bhala clerk li kienet iddahhal id-data kollha li kellu x'taqsam mal-bejgh tas-salesmen, invoicing u l-ordnijiet fil-computer. Hija semmiet fattur importanti hafna fl-opinjoni tat-Tribunal, u cioe li 'meta jsiru l-pagamenti kollha ghal kull sena partikolari, mbaghad kien johrog statement li juri l-pagamenti kollha li jkunu saru, allura juri bilanc zero (0) jekk (is-salesman) ikun hallas l-ammont kollu minnu dovut'.*

*Illi minn-naha tieghu, l-konvenut fix-xhieda tieghu dejjem sostna li l-ammont ta' Lm1,500 li qed jitlob l-attur huwa zball jew ahjar diskrepanza gejja mis-sena 1997, u mhuwiex ammont li huwa fil-fatt dovut minnu. Dana huwa fis-sens li l-ammont mitlub mill-attur mhuwiex ammont ta' flus li gabar il-konvenut u li m'ghaddhiex lill-attur, izda jikkonsisti f'diskrepanza li harget minhabba xi tahwida li saret fl-invoices fis-sena 1997. Mart il-konvenut fl-affidavit taghha kkonfermat din it-tezi wkoll.*

*Skont il-konvenut din id-diskrepanza kienet giet diskussa f'hafna okkazzjonijiet bejn il-partijiet fejn il-konvenut kien dejjem jinsisti mal-attur li kienet gejja mis-sena 1997. Skont l-istess konvenut pero`, l-attur ma kienx irid li l-konvenut jahli z-zmien fuqha izda kien jinsisti li l-konvenut jibqa' dejjem ibiegh ghaliex fl-ahhar l-izball kien johrog u setghu jirrangawha. Il-konvenut jichad kategorikament li dan l-ammont ghandu x'jaqsam mal-accounts tas-sena 2003.*

*Il-konvenut spjega li kull sena kien jinghalaq l-account tas-sena precedenti u s-sena l-gdida tibda b'bilanc ta' zero (0). Madankollu jekk kien ikun fadal bilanc gej mis-sena precedenti din kienet tithallas mill-flus migbura minn sales tas-sena sussegwenti.*

*Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, t-Tribunal jidhirlu li fil-kaz in ezami l-versjonijiet tal-partijiet huma ghal kollox konfliggenti. Hemm nuqqas ta' qbil dwar fatti li setghu facilment gew stabbiliti, izda lanqas daqshekk ma sar. Jidher li t-Tribunal qed jigi mitlub sabiex jipprova*

*jaghmel sens minn sistema ta' accounting mhawda u kkumplikata ghall-ahhar li ghazel li juza l-attur. Dan zgur li mhuwiex il-kompitu tat-Tribunal, u se mai hawn irid jigi stabbilit biss jekk l-attur irnexxilux jipprova dak li qed jallega, u cioe` li l-konvenut huwa debitur tieghu fl-ammont ta' Lm1,500.*

*Fil-fehma ta' dan it-Tribunal l-attur ma rnexxilux jipprova dak li qed jallega kif titlob il-ligi, u fl-ebda mument ma wera, permezz ta' provi konkreti, lil dan it-Tribunal, fejn, kif u ghaliex il-konvenut huwa debitur tieghu f'dan l-ammont. Kemm dan il-fatt, kif ukoll il-versjoni konsistenti tal-konvenut iwassal lil dan it-Tribunal sabiex jikkonkludi li l-attur ma rnexxilux jipprova dak li qed jallega, kif kien id-dover tieghu li jaghmel, u ghalhekk it-talba tieghu ma tistax tigi milqugha.*

*Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad il-hames eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' l-kumplament*
*tal-eccezzjonijiet tieghu, u b'konsegwenza ta' dan jichad it-talba attrici, bl-ispejjes kontra l-attur.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Duca datat 3 ta' Awwissu 2010 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat ir-risposta ta' John Falzon datata 19 ta' Awwissu 2010 a fol 7 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal Ghal Talbiet Zghar hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Frar 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-29 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Anna Mallia ghall-appellat prezenti. L-appell gie pospost. Meta rega' ssejjah l-appell deher ukoll Dr. Louis Cassar Pullicino ghall-

appellant. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-27 ta’ Ottubru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza nkluz id-decizjoni tat-Tribunal fl-ismijiet premessi datata 15 ta’ Lulju 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan l-aggravju tal-appellant huwa fis-sens li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar fid-decizjoni tieghu ghamel apprezzament hazin tal-provi u dan ghaliex fil-fatt gie pruvat li l-konvenut kellu jaghti l-ammont rikjest fis-sena 2003 u la darba dan huwa l-kaz mela allura kien jispetta lill-konvenut sabiex jipprova li sar tali pagament, u wkoll li mhux minnu li l-attur adopera sistema ta’ accounts komplikata, u dan gie ppruvat mid-dokumenti esebiti li juru li l-konvenut kien debitur tal-attur fl-ammont indikat fil-kawza odjerna.

Illi l-appellat laqa’ ghal dan billi sostna li dak li qed jitlob l-attur hija diskrepanza li saret fil-kontijiet li hargu fl-1997, li l-konvenut dejjem ikkontesta, izda li l-attur qatt ma rranga u qatt ma ta dokumenti dwarha, u dwar il-konteggi li hargu mill-attur skond Dok. “JD 1”, li fuqu qed tigi bbazata l-azzjoni attrici, jirrizulta li dan huwa inkorrett ghaliex il-pagamenti li saru f’dik is-sena mill-konvenut kienu jammontaw ghall-Lm8,951.03 u mhux Lm7,903.64, kif jidher minn Dok. “JF 2” sa Dok. “JF 15”, u dan apparti li l-appellat allega li l-pagamenti ndikati f’Dok. “JF 1”, “JF7”, “JF9”, u “JF 5” gew addebitati ghas-sena 2002, u dan apparti li fid-Dok. “JD 1” ma gewx inkluzi l-pagamenti li saru fil-21 ta’ Mejju 2003, 24 ta’ Gunju 2003, 11 ta’ Settembru 2003 u 17 ta’ Novembru 2003 ,kif sostanzjati fl-*invioces* (Dok. “JF 18”) li b’kollox jammontaw ghall-Lm1,874.39 iffirmati mill-istess attur appellant. F’dan il-kaz fl-ghar ipotesi hemm konflitt ta’ provi u ghalhekk ireggi li l-attur ma ghamilx il-prova tieghu u dan kif ritenut fis-

sentenza **"Saviour Farrugia nomine vs Margaret Vella"** – A.C. – 9 ta' Frar 2001).

Illi ma hemmx dubju li dan huwa appell fuq apprezzament ta' fatti li ghamel it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (it-Tribunal) u dwar l-istess gie ritenut fis-sentenza **"SMS Insurance Agency Limited nomine vs Air Malta Co. Limited et"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Mejju 2009) li:-

"*gie kostantament ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda viva voce u kienet f'qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m'ghandhiex. (ara **"Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg"** (A.C. – 10 ta' Frar 1961); **"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001); **"Carmelo Agius vs John Agius"** (A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Dicembru 1994); **"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"** (A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003) u recentement **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited"** (A.C. – 4 ta' Lulju, 2008))".*

Illi fil-fatt minn ezami tax-xhieda u dokumenti li gew prodotti quddiem it-Tribunal jirrizulta li verament hemm konflitt ta' provi, b'dan li l-allegazzjoni tal-appellant, li hija bbazata fuq kollox fuq l-i*statement* immarkat bhala Dok. "JD 1" relattiv ghas-sena 2003, gie kontestat u kontradett kemm mix-xhieda tal-appellat u wkoll mid-dokument esebiti mill-istess konvenut inkluzi id-Dok. "JF 2" sa Dok. "JF 15" li jindikaw li l-pagamenti li realment ghamel l-appellat fis-sena 2003 kienu attwalment ta' Lm8,951.99 u mhux ta' Lm7,903.64; apparti minn dan, jirrizulta li pagamenti li saru fis-sena 2003 gew adebitati ghall-ammonti dovuti fis-sena 2002, u hawn issir riferenza ghall-Dok. "JF1", Dok. "JF 7", Dok. "JF 9" u Dok. "JF 5", pagamenti li jammontaw ghal-Lm3,400.84; u dan apparti li kif sostna l-istess appellant jirrizulta li l-pagamenti li saru

fil-21 ta' Mejju 2003, 24 ta' Gunju 2003, 11 ta' Settembru 2003 u 17 ta' Novembru 2003 ,kif sostanzjati fl-*invoices* indikat fDok. "JF 18", li b'kollox jammontaw Lm1,874.39, li huma kollha ffirmati mill-attur appellant ma gewx inkluzi fid-Dok. "JD1".

Illi fid-dawl ta' dan kollu ma hemm l-ebda dubju li hemm konflitt car ta' provi, u ghalhekk fl-ahjar ipotesi dak li jista' jinghad huwa fid-dawl ta' dan kollu certament ma treggiex l-allegazzjoni tal-attur appellant li huwa pprova dak minnu allegat, anzi jirrizulta mill-provi li x-xhieda u d-dokumenti tieghu huma kontradetti mix-xhieda u d-dokumenti prodotti mill-konvenut, b'dan li japplika l-insenjament moghti fis-sentenza **"Saviour Farrugia nomine vs Margaret Vella et"** A.C. – 9 ta' Frar 2001) fis-sens li:-

*"Fejn l-assjem tal provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjiera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentament u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu".*

Illi minn ezami tal-process jirrizulta li l-appell tal-appellant qed jippretendi li huwa pprova b'mod rikjest mill-ligi l-allegazjonijiet tieghu, izda l-Qorti tinnota li minkejja l-volum konsiderevoli ta' dokumenti li gew esebiti mill-partijiet, l-appellant baqa' jsemmi biss id-Dok. "JD 1" relattiv ghas-sena 2003, meta l-istess dokument gie kontradett minn diversi dokumenti esebiti, u msemmija mill-konvenut fix-xhieda tieghu u fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, u li gew ghal kollox injorati mill-appellant, haga li din il-Qorti ovvjament qed tirrileva, b'dan li l-appellant ressaq l-appell tieghu qisu fl-atti jezisti biss dan id-dokument, u allura d-dokumenti kollha prodotti mill-konvenut gew skartati. Ovvjament dan ifisser li risposta ghal tali dokumenti l-attur qatt ma ta, la fl-ewwel istanza u wisq inqas f'dan l-appell, u allura kien korrett it-Tribunal

meta sostna li fid-dawl tal-provi prodotti l-attur appellant ma rnexxilux jipprova dak allegat.

Illi fid-dawl ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li dan certament ma huwiex il-kaz fejn hija ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamel it-Tribunal fid-dawl tal-provi migjuba quddiemu, u dan ghaliex jirrizulta li l-istess decizjoni hija fil-paramatri tad-diskrezzjoni li ghandha tigi ezercitata mit-Tribunal u allura ma hemmx lok f’dan il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamel l-istess. Dan iktar u iktar meta s-sistema ta’ *invoicing* u gbir ta’ flus adoperata mill-attur hija verament ikkumplikata u mhawda, u wkoll li x-xhieda tal-attur dejjem baqghet fil-kuntest ta’ dak li huwa generali, bhal ma fuq kollox huwa dan l-appell, b’dan li kif gie accennat ukoll minn din il-Qorti, l-istess attur fil-kawza, u wkoll fl-appell, qatt ma dahal fid-dettall u fil-partikolari tal-kweziti mqajjma mill-konvenut, u allura wisq inqas ireagixxa u rrisponda ghall-istess. F’dan id-dawl huwa difficli hafna li din il-Qorti tara kif appell kif propost jista’ jirnexxi, u fil-fatt din il-Qorti thoss li l-appell odjern ma huwiex qed jigi akkolt ghaliex huwa bla ebda fundament, u bl-ebda mod, in vista ta’ dak hawn ritenut, ma ghandu jwassal ghar-revoka tas-sentenza appellata; anzi din il-Qorti qed taqbel ma’ dak deciz mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fid-decizjoni tieghu tal-15 ta’ Lulju 2010.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-appellat John Falzon datata 19 ta’ Awwissu 2010 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Joseph Duca fir-rikors tal-appell tieghu datat 3 ta’ Awwissu 2010 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b’dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet “Joseph Duca ezercenti l-kummerc bl-isem G.S.A. Fine Imports vs John Falzon” (Talba Numru 532/2006/VGD) datata 15 ta’ Lulju 2010 ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant Joseph Duca.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------